MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 72/2003/1

***Maria Micallef***

***vs***

***Julian Micallef u Aaron Micallef ghal kull interess li jista' jkollu***

Il-Bord,

Ra <u>r-rikors</u>

Illi l-esponenti tikri lill-intimat il-"garage" numru 2 fi Triq Envin Cremona, San Gwann u dana versu l-hlas ta' kera ta' zewg liri Maltin (Lm2.00) kull jum, pagabbli kull tlitt (3) xhur. Illi l-ahhar skadenza ghalqet fl-ahhar tax-xahar ta' Lulju, 2003;

Illi l-intimati naqsu li jhalsu l-kera minnhom dovut u dan ghal numru ta' skadenzi u certament ghal izjed minn zewg skadenzi u dana nonostante li huma gew interpellati

sabiex ihallsu l-kera minnhom dovut u dana b’ittri nterpellatorji fosthom dawk datati 7 ta’ Novembru 2001 u 12 ta’ Marzu 2002;

Illi ghalhekk l-intimati huma manifestament moruzi fil-hlas tal-kera u dana jikkostitwixxi ksur tal-kundizzjonijiet tal-istess kirja;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti qedha umilment titlob lil dan l-Onor Bord joghgbu jordna lill-intimati jizgumbraw mill-“garage” numru 2 fi Triq San Envin Cremona, San Gwann u dana fi zmien qasir u perentorju li jghogbu jistabiklixxi dan il-Bord, sabiex b’hekk l-esponenti tirriprendi lura l-pussess tal-fond in kwistjoni.

Bl-ispejjez u l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li fis-seduta ta’ llum deher John Micallef f’isem ir-rikorrenti, li ma tohrogx mid-dar mhabba mard, assistit minn Dottor Edward Gatt.

Ra li l-intimati debitament notifikati la deheru ghas-seduta u lanqas ressqu risposta.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga’ tiehu f’idejha l-‘garage’ numru 2 fi Triq Envin Cremona, San Gwann; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien m’illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------